MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Numru 8/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Salvatore sive Silvio Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 8 tas-sena 2008 kontra l-akkuzat Salvatore sive Silvio Mangion li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tmienja (8) ta' Frar tal-elf disa mija w erbgha w tmenin (1984), filghaxija, f'Hal-Safi, Salvatore sive Silvio Mangion habbat fuq il-bieb tar-residenza ta' Rozina Zammit, mara anzjana, li hu kien ilu xi zmien josserva, w malli din fethet, dahal gewwa. Illi l-istess Rozina Zammit bdiet twerzaq u Salvatore Mangion bil-hsieb li joqtolha jew li jpoggi l-hajja taghha f'periklu car, taha diversi daqqiet f'sidirha w ghonqa w ikkagunalha l- mewt b'sikkina li hu kien ha mieghu apposta. Illi qabel ma telaq hu seraq ukoll xi mitejn liri Maltin (illum Euro 465.87). Illi hi nstabet katavru, l-ghada,

mil-familjari taghha. Sussegwentement, wara investigazzjonijiet twal, irrizulta li responsabbli ghal dan l-omicidju volontarju kien Salvatore sive` Silvio Mangion kif qabel indikat.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion sar hati ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha (Rozina Zammit) f'periklu car, ikkagunalha l-mewt.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion, hati ta' omicidju volontarju, w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car (Rozina Zammit), ikkagunalha l-mewt.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe` fit-8 ta' Frar 1984, fir residenza ta' Rozina Zammit, wara inzul ix-xemx, Salvatore sive` Silvio Mangion zamm u ssekwestra lill-istess Zammit kontra l- volonta` taghha, qatilha wara li bil-hsieb li joqtolha jew li jpoggilha hajjitha f'periklu car, taha numru kbir ta daqqiet b'sikkina li hu kellu. Illi dan kollu ghamlu bil-hsieb li jisraqha w biex hi ma tkunx tista' tikxfu. Illi nfatti, hu rnexxielu jisraq mitejn liri Maltin (illum Euro 465.87) kontra l- volonta' taghha llegalment.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion sar hati ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn Euro 232.94 u anqas minn Euro 2329.37, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, sekwestru tal-persuna, omicidju volontarju, bil-hin u valur.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion, hati ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar min mitejn u tlieta u ghoxrin Euro u erbgha u disghin centezmi w anqas minn elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin Euro w seba w tletin centezmi, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, sekwestru tal-persuna, omicidju volontarju, bil-hin u valur.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(c)(f), 262, 267, 270, 272, 275, 277, 329, 330, 279, 280, 17, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi, tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurija w is-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Gunju, 2010 li fiha gie deciz li l-akkuzat ma hux fi stat ta' genn fiz-zmien tal-kawza.

Rat il-verdett tal-gurija diversament komposta tal-lum, li bih, in vista tad-decizjoni w il-verdett minnhom moghti fuq it-Tieni Kap, astjenew milli jaghtu verdett fuq l-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuza, stante li huma sabu li s-serq imsemmi fit-Tieni Kap kien aggravat bi vjolenza, inkluz omicidju volontarju w li bih bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu li l-akkuzat Salvatore sive Silvio Mangion hati tat-Tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lill-akkuzat Salvatore sive Silvio Mangion hati talli :
fit-tmienja (8) ta' Frar tal-elf disa mija w erbgha w tmenin (1984), filghaxija, f'Hal-Safi, wara inzul ix-xemx, seraq flus u oggetti li jiswew aktar minn mitejn u tlieta w ghoxrin Euro w erbgha w disghin centezmi w anqas minn elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin Euro w seba w tletin centezmi, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza,

sekwestru tal-persuna, omicidju volontarju, bil-hin u valur, u dana skond it-Tieni Kap ta’ l-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli difensur Dr. Simon Micallef Stafrace, fis-sens illi l-Qorti taf x’inhi s-sitwazzjoni tal-hati w kellha tqis dan fl-erogazzjoni tal-piena.

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur Dr. Leonard Caruana, illi l-prosekuzzjoni f’dan il-kaz kienet qed titlob il-piena massima ta’ ghomor il-habs stante li din kienet it-tieni darba li l-hati kien qed jinstab hati ta’ omicidju ta’ ragel anzjan kif ukoll ta’ tentattiv ta’ omicidju ta’ mara anzjana fil-kuntest ta’ tentattiv ta’ serq.

Qieset illi skond l-artikolu 272 tal-Kodici Kriminali l-hati ta’ serq li jsir flimkien ma’ omicidju volontarju jehel il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomru.

Ikkunsidrat :

Illi dan kien kaz tragiku fejn biex il-hati seraq somma relattivament zghira, ghaz-zmien tal-lum, sitta w ghoxrin (26) sena ilu, biccer mara anzjana w halliha mgharqa f’demmha f’daraha. Imma dan ma kienx bizzejjed ghaliex erbatax il sena w nofs wara kien rega’ ghamel l-istess haga w din id-darba, fuq ammissjoni tieghu stess, kien qatel persuna ohra anzjana, fiz-Zejtun u pprova joqtol lil martu wkoll f’tentattiv ta’ serq.

F’dawn ic-cirkostanzi l-hati jista’ jitqies bhala “serial killer” li hu ta’ minacca kbira ghas-socjeta’ w assolutament ma jistax jigi fdat jigri barra. Ghalhekk l-amministraturi tal-habs u l-persuni kuranti tieghu ghandhom responsabilita’ enormi li ma jhallux li dan jigri taht ebda cirkostanza, jkun fejn ikun qed jinzamm il-hati tul il-permanenza tieghu fil-habs.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 211(1)(2), 261(a)(c)(f), 262(1)(a), 267, 270, 272, 275, 277, 279, 280,

u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati **Salvatore sive Silvio Mangion** ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru - kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' erbat elef, disa' mija w tlieta w disghin Ewro w tlettax il-centezmu (€4993.13c) rapprezentanti l-ispejjez totali tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------